# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udejnza ta' nhar it-2 ta' Frar 2023**

**Talba nru. 284/2020**

**JONATHAN CALLEJA**
**(ID 446075M)**

***VERSUS***

**RODERICK FENECH**
**(ID657881M)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi permezz ta' Avviz ipprezentat fis-17 ta' Novembru 2020 l-attur talab lill-konvenut il-hlas ta' l-ammont ta' elf Ewro (Eur 1000.00) ghall-danni ikkagunati minn ingress ta ilma gewwa l-garage tieghu u din it-talba saret hekk:-

"*Ili sentejn ncempel u nibghat messaggi permess tal-whatsapp lil konvenut fuq ix-xiri tal-garaxx li ghamilt bl-indirizz imsemmi hawn fuq fis-19 ta' Frar 2019. Wara li ghamilna l-konvenju fil-11 ta' Settembru 2018 infurmajtu mill-ewwel li kien qed jidhol l-ilma minn barra l-appigg ghal gol-hajt tal-garaxx tieghi u kien qed jaghmel hsara lil kisi u z-zebgha ta' dan l-istess hajt. Jien ghandi r-ritratti jixhdu dan kollu izda Roderick dejjem qalli li ha jirrangah imma qatt ma sar xejn sal-lum u ili ghaddej sentejn b'dan kollu u l-hsara dejjem tizdied. Sahansitra fil-gurnata tal-kuntratt hu rega taghni l-kelma li ha jirrangah ghax jien ghidtlu li ma rridx niffirma u rega taghni l-kelma tieghu u jien fdajt.*"

Ra illi l-konvenut gie debitament notifikat fit-28 ta' Marzu 2022 kif jidher a fol. 15.

Ra li ghad li debitament notifikat bl-atti ta' dawn il-proceduri, il-konvenut naqas milli jipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan u lanqas ma deher xi rapprezentant tieghu (jew xi difensur ghalih) ghas-smigh ta' dan il-procediment.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti processwali kollha;

It-Tribunal jikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "*Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – (a) Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is- smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda*."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u ddisposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis*."

Minn qari ta' din ic-citata disposizzjoni, jidher li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal gurnata ohra sabiex jisma' lill-parti mharrka f'kaz li din ma tidhirx quddiemu.

Fil-kaz prezenti, l-konvenut giet debitament notifikat bl-atti processwali. Minkejja tali notifika, il-konvenut la ressaq risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher xi rapprezentant tieghu quddiem it-Tribunal fl-udjenza li kienet tmiss wara n-notifika lilu ta' l-atti u, lanqas ma deher xi rapprezentant legali tieghu sabiex issehh kontestazzjoni tal-pretiza attrici fl-udjenza sussegwenti.

Tali konvenut ghalhekk, kien fi stat ta' kontumacja, skond id-dettami tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-udjenza ta' 24 ta' Mejju 2022. Fil-konfront ta' l-imsemmi konvenut gie prezentant kapitolu mill-attur fl-24 ta' Novembru 2022. Dan il-kapitolu gie dikjarat bhala mistqarr fl-udjenza successiva u cioe fil-11 ta' Jannar 2023, peress li l-konvenut naqas milli jirregistra dehera biex iwiegeb ghal tali kapitolu. Fid-dawl ta' tali omissjoni, l-istess kien jisthoqqlu jigi emmnut. Ghalhekk dan ghandu jittiehed bhala mistqarr.

It-Tribunal josserva illi, in linea ta' principju, il-kapitolu hu fatt processwali li jgib mieghu effetti specifici, espressament previsti u determinati mill-ligi taht il-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Jinghad fid-decizjoni in re **Anthony Borg v. Samwel Veneziani** illi "*din ic-cirkustanza hi hafna rilevanti ghaliex tfisser illi bin-nuqqas tal-konvenut appellat li jidher biex jikkontesta l-kapitolu, saret prova posittiva li l-ammont rekalmat mill-attur kien dovut lilu ghal ragunijet minnu pretizi u dana bl-ammissjoni – anke jekk negattiva fis-sens ta' non-kontestazzjoni – ta' l-istess konvenut*."

Ghalkemm kontumaci, tali stat silenzjuz ma jfissirx li l-parti konvenuta qed tammetti dak allegat u/jew pretiz mill-parti attrici, l'ghaliex xorta wahda jibqa' d-dmir ta' din l-ahhar parti li tipprova l-kaz taghha sa' dak il-grad probatorju rikjest mil-Ligi.

Tali omissjoni min-naha tal-konvenut tirresponsabilizza lill-gudikant biex jaccerta ruhu li l-allegazzjonijiet attrici jigu xorta wahda pruvati u li l-precetti procedurali dejjem osservati. Jigi ritenut illi, "*la contumacia vale resistenza, che il contumace tacitamente respinge le domande dello avversario ... il contumace affida al giudice la propria difesa ... questa difesa deve limitarsi ad esaminare se le forme del rito sian rispettate, se l'assunto della parte presente sia fondato in fatto ed in diritto*" (**Salvatore La Rosa**, "Il Contumace nel Giudizio Civile", Filippo Tropea ed. 1887; §118, p. 175). Mil-lat ta' gurisprudenza domestika, wiehed huwa mistieden jara il-kawza **Id-Direttur tar-Registru Pubbliku v. Ermelina Silos Mendoza et** (Prim'Awla, 16 ta' Novembru, 2010); u **Awtoritá Ghat-Trasport F'Malta v. Abdi Khadar Qaasim** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 6 ta' Novembru, 2017; mhux appellata) li fiha insenjamenti ulterjuri dwar dan is-suggett. Ghalhekk, il-posizzjoni guridika tal-parti mharrka f'dan il-procediment hi meqjusa bhala cahda totali u kategorika ta' l-allegazzjonijiet kollha vantati kontriha, li jehtiegu jigu debitament pruvati kif imiss.

Fid-decizjoni riportata f'*Kollez*. **Vol XXIX-III-35 insubu hekk,** "*ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dana ma jfissirx illi huwa abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domandi. Il-gudikant ghandu jezamina jekk it-talba hiex gustifikata indipendentement mill-kontumacja tal-konvenuti.*"

Ezaminati l-atti processwali relattivi jirrizulta illi l-attur ipprezenta fl-udjenza ta' l-24 ta' Novembru 2022, xhieda dokumentarja u cioe l-affidavit ta' l-istess attur, affidavit ta' Colette Lynch, korrispondenza bil-whatsapp bejn il-konvenut u l-attur, ritratti tal-hsarat li hemm fil-garaxx u atti pubblici u skritturi privati marbuta max-xiri tal-garaxx ta' l-attur kif ukoll rapport tal-perit bid-dettalji tal-hsarat.

Dan it-Tribunal jinnota illi l-affidavits ta' l-attur u ta' Colette Lynch filwaqt li jaghtu spjegazzjoni ta kif xtraw il-garaxx bid-dati u dettalji ohra, jghidu biss li kien hemm xi ftehim mal-konvenut illi l-hsara li kien hemm ezistenti fil-garaxx minhabba perkolazzjoni ta' ilma kien se jaghmel tajjeb ghaliha l-konvenut. F'dawn l-affidavits, l-attur u x-xhud tieghu ma jindikawx il-hsara fiex kienet tikkonsisti u lanqas isemmu l-ammont ta' hsarat kagunati lilom. Konsegwentament ma jissemmiex lanqas jekk l-ammont reklamat minnom fit-Talba ghadux dovut.

Id-dokumenti prezentati jikkonsisitu f'konvenji u kuntratt pubbliku li permezz taghhom inxtara l-garaxx u ghaldaqstant ma hemm l-ebda dubju li l-garaxx in kwistjoni huwa verament ta' l-attur.

Ix-xhieda l-ohra ipprezentata flimkien ma' nota fl-udjenza ta' l-24 ta' Novembru 2022, kienu jinkludu ritratti li ma kienux akkumpanjati minn xi spjegazzjoni jew evidenza li kienu tal-garaxx ta' l-atturi u senjalament, minn rapport tal-Perit Kurt Vella li ma kienx konfermat bil-gurament. Fl-istess rapport, il-perit prodott mill-attur jikkonkludi li l-hsarat jammontaw ghal Eur 3000.00. Mill-istess rapport, minkejja li mhux mahluf, xorta mhux indikattiv li l-konvenut jahti ghal hsarat allegati mill-attur.

Premess dan, huwa risaput illi l-allegazzjonijiet ta' parti kontra ohra m'huma xejn jekk mhux sostanzjati jew imsejsa fuq il-valur probatorju ta' l-evidenza mressqa mill-kontendenti. Asserzjoni wehidha ma hi xejn jekk mhux impoggija f'kuntest proprju. Dokument wahdu ma hu ta' l-ebda piz jekk ma jigix interpretat skond il-kanoni guridici u fid-dawl tal-provi l-ohra avvanzati. In-normattiva dettata mill-Art. 562 tal-Kodici ta' procedura Civili tissottolinea dan kollu meta tghid li, "l-*obbligu talprova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah.*"

Dan it-Tribunal rega stieden lill-attur waqt l-udjenza tal-11 ta' Jannar 2023 jekk ghandux provi ulterjuri sabiex isostni t-talba tieghu izda d-difensur ta' l-attur ikkonferma li kien ezawrixxa l-provi tieghu.

**Decide**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jichad it-talba ta' l-attur u dan ghax tali talba mhux pruvata sal-grad rikjest fil-Ligi, bl-ispejjez ta' dan il-procediment ikunu kollha a karigu ta' l-attur.

**Dr. Duncan Borg Myatt**
**GUDIKATUR**